# il-Gżejjer

Il-ħmistax-il sena

3/86



*Messaġġ tal-Prim Ministru lill-Istudenti f'Jum il-Commonwealth*

# 'FEJN M'HEMMX PAĊI HEMM IL-QERDA'



**Il-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici — emfasi fuq il-paċi f'messaġġ ta' Jum il-Commonwealth lill-istudenti.**

F'MESSAĠĠ ta' Jum il-Commonwealth indirizzat lill-istudenti kollha ta' Malta u Għawdex, il-Prim Ministru l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici saħaq fuq l-imħabba li dawn għandhom ikollhom għall-paċi minn ċkunithom. Fejn m'hemmx il-paċi hemm il-qerda, qal il-Prim Ministru fil-messaġġ tiegħu, u kompla, "għax il-paċi hija s-sisien tal-proprjetà u xejn ma jista' jinbena mingħajr is-sisien tal-paċi."

Dan li ġej hu l-kontenut sħiħ tal-messaġġ tal-Prim Ministru lill-istudenti:

"Għeżież studenti Maltin u Għawdxin,

"Jekk irridu li s-siġra titla' dritta jeħtieġ li nissodawha miċ-ċokon. Dan il-qawl igħodd ukoll għall-bnedmin. Ninsabu fis-sena dedikata għall-paċi. Huwa dmir tagħna li nxettlu fikom l-imħabba għall-paċi sabiex fi gżiritna, Malta, isaltan is-sliem u sabiex Malta tagħti sehem sħiħ u dejjiemi għall-paċi fid-dinja.

"Il-paċi jew in-nuqqas tagħha m'għandhiex fruntieri. Tolqot lil kulħadd, lilkom ukoll. Forsi tistaqsu: "X'nistgħu nagħmlu aħna għall-paċi?" Intom ukoll tistgħu tagħtu sehem għall-paċi. Bit-tagħlim tal-ġenituri u ta' l-għalliema tagħkom kif ukoll bir-rieda tagħkom, titgħallmu twarrbu l-egoiżmu, tittolleraw u tneħħu l-preġudizzji. Titgħallmu tħobbu. U meta tħobbu 'l xulxin tkunu qed tindokraw il-paċi.

## PROĊESS TAL-PAĊI

"Tkunu qed tħobbu l-paċi wkoll jekk titgħallmu t-tifsira tal-proċess ta' paċi li aħna l-Maltin għaddejjin minnu. Nemmnu li fejn m'hemmx il-paċi hemm il-qerda. M'hemmx prosperità. Għax il-paċi hija s-sisien tal-prosperità u xejn ma jista' jinbena mingħajr is-sisien tal-paċi.

"Għalhekk seba' snin ilu ħlisna lil artna minn bażijiet militari barranin. Malta mhix se tintuża biex jiġi attakkat xi pajjiż ieħor. Ksibna n-newtralità. Dan kollu jixhed kemm tħabatna u għadna nitħabtu biex fir-reġjun tagħna, il-Mediterran u l-Ewropa, issaltan il-paċi. Dan nagħmluh għax nemmnu wkoll li biex intom tindokraw il-paċi, irridu nkunu aħna l-ewwel li ngħadduhielkom bħala l-isbaħ wirt.

"Meta s-sena l-oħra kont qed nifli l-proġetti li organizzajtu dwar Jum il-Commonwealth, laqtitni attività ta' titjir ta' bżieżaq u tajr bis-slogan: "J'Alla r-riħ iwassal il-

● ikompli f'paġna 13

## ELUF QED JINGĦATAW IS-SERVIZZ TAT-TELEFON

# TQASSIM TA' 20,000 LINJA

**● Eluf ta' Maltin bħalissa qegħdin jiġu mitluba biex imorru fl-uffiċini tal-Korporazzjoni TeleMalta biex jiffirmaw il-kuntratt meħtieġ biex jingħataw is-servizz tat-telefon.**

**Dan hu parti mix-xogħol ta' proġett għat-tqassim ta' 20,000 linja għas-servizz tat-telefon skond il-politika tal-Gvern li kif intqal uffiċjalment kemm il-darba, jingħata lil dawk kollha li applikaw għalih skond id-data ta' l-applikazzjoni.**

**Fil-fatt, bħalissa qed jinqdew fejn huwa teknikament possibbli, dawk kollha li applikaw sa l-aħħar ta' l-1984.**

**Fost dawn insibu li 1,300 applikant mill-Mosta u ż-Żurrieq se jingħataw is-servizz; 'il fuq minn 800 minn Baħar iċ-Ċagħaq, il-Baħrija, Madliena, il-Bidnija, Blata l-Bajda, Ta' Landrijiet u Wied il-Busbies it-tnejn limiti tar-Rabat, l-Imrieħel, Bengħajsa, Sta. Venera, il-Mellieħa u l-Imtarfa.**

**Ir-residenti kollha ta' Birżebbuġa li applikaw sa tmiem l-1984 ukoll qed jintalbu jmorru jħallsu l-Lm1 u jiffirmaw il-kuntratt, kif ukoll qiegħed jiġri lil dawk l-applikanti min-Naxxar u l-Marsa.**

**900 applikanti oħrajn li dalwaqt jingħataw is-servizzi tat-telefon huma mir-Rabat, l-Imdina, Kortin, Marsaxlokk u Santa Maria Estate. Minn Ħaż-Żebbuġ hemm 350 applikant filwaqt li minn Birkirkara hemm 800.**

IR-RELAZZJONIJIET politiċi bejn Malta u l-Ġermanja tal-Punent tjiebu minn Novembru tas-sena l-oħra 'l hawn tant li qegħdin isiru sforzi biex dawn ikomplu jiżviluppaw aktar. Din l-istqarrija saret mill-Ministru ta' l-Istat tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja Mr J.W. Moellemann li stqarr ukoll li pajjiżu jappoġġja il-politika ta' newtralità u non-alinjament ta' Malta.

# APPOĠĠ GĦALL-POLITIKA MALTIJA MILL-ĠERMANJA TAL-PUNENT

Il-Ministru Moellemann temm żjara ta' tliet ijiem nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu. F'kelmtejn qabel telaq minn Malta, il-Ministru Ġermaniż fisser li l-politika newtrali u non-alinejata ta' Malta tikkontribwixxi għall-istabbilità ta' l-inħawi u l-iżvilupp paċifiku. **Kull min jikkontribwixxi biex tonqos it-tensjoni għandu jingħata appoġġ qawwi u l-Ġermanja tal-Punent qegħda tfittex formola biex mill-ġdid terġa' tesprimi ruħha favur il-politika Maltija.**

L-iżviluppi riċenti għat-tajjeb fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ġermanja tal-Punent ifissru tisħieħ tal-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-ekonomija, kultura, turiżmu u politika.

Kien hemm żjieda konsiderevoli ta' turisti mill-Ġermanja tal-Punent; għadd ġmielu ta' kumpaniji Ġermaniżi qegħdin joperaw f'Malta u se jsiru sforzi biex dawn jiżdiedu.

Fil-fatt, il-Ministru tal-Industrija l-Perit Karmenu Vella għandu jerġa' jmur il-Ġermanja tal-Punent f'Mejju li ġej u l-Ministru Moellemann għandu jiltaqa' miegħu biex jitkomplew it-taħditiet.

Fl-istess waqt, f'Ġunju għandu jiġi Malta l-Ministru ta' l-Agrikoltura tal-Ġermanja tal-Punent kif ukoll dak li llum qiegħed imexxi l-Assoċjazzjoni Agrikola Ġermaniża. L-għan hu biex isir studju u jsir magħruf jekk Malta u l-Ġermanja tal-Punent jistgħux jikkoperaw mhux biss bejniethom imma wkoll ma' swieq f'pajjiżi oħrajn.

**TURISTI ĠERMANIŻI**

**1983**
**Jan. – Diċ.: 26,422**

**1984**
**Jan. – Diċ.: 42,810**

**1985**
**Jan. – Diċ.: 57,050**

## INVESTIMENT ĠERMANIŻ

35 kumpanija Ġermaniża investew f'Malta u bejniethom qegħdin iħaddmu 5,552 impjegati Maltin.

**Kummerċ (Lm000)**

| | **1981** | **1982** | **1983** | **1984** | **Ott. 1985** |
|---|---|---|---|---|---|
| Esportazzjoni: | 48186 | 48209 | 48317 | 54175 | 45478 |
| Importazzjoni: | 48598 | 48766 | 50625 | 57000 | 52771 |



**Il-Ministru ta' l-Istat Ġermaniż Mr J.W. Moellemann (lemin) jidher waqt il-laqgħa li kellu mal-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici. Fuq ix-xellug tar-ritratt jidher ukoll il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr Alex Sceberras Trigona.**

KURA TAL-MARD TA' L-GHAJNEJN

# PROJECT ORBIS F'MALTA

GHAL tliet ġimgħat sħaħ, ajruplan DC - 8 kien jinsab ipparkjat għalih fil-mitjar ta' Ħal Luqa, jilqa' fuqu speċjalisti Maltin ta' l-għajnejn u pazjenti għall-kura tal-mard ta' l-għajnejn. Dan l-ajruplan kien il-PROJECT ORBIS, sptar ċkejken iżda mgħammar b'kollox, li ġie Malta fuq stedina tal-Gvern Malti.

L-inawgurazzjoni tal-proġett saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu, fil-mitjar stess b'għadd ta' diskorsi, fosthom dak mill-Ministru tas-Saħħa t-Tabib Vincent Moran fejn fakkar li Malta dejjem kienet minn ta' quddiem fl-iżvilupp tal-qasam oftalmoloġiku billi kellha wkoll l-aqwa nies u speċjalisti f'dan il-qasam.

## L-IŻVILUPP FIL-KURA TA' L-GHAJNEJN

**Fl-1979, l-isptar San Luqa kien ġie mgħammar b'ward ġdid ta' l-Oftalmoloġija u b'teatru bl-aktar tagħmir modern u sofistikat, biex imbagħad fl-1983 ġiet introdotta s-sistema tal-Laser bl-aktar teknoloġija moderna għall-kura tal-mard ta' l-għajnejn.**

Mill-1984 'il hawn, fl-isptar San Luqa bdew gradwalment isiru operazzjonijiet magħrufa bħala 'corneal grafting'. Is-sena l-oħra, l-1985, dan il-qasam ta' l-oftalmoloġija kompla ġie żviluppat u bdew isiru l-'intra-ocular lense implants'. F'qasir żmien għandu wkoll jitwaqqaf 'Victrectomy Unit' għall-kura speċjalizzata u sofistikata bil-koperazzjoni ta' l-isptar rinomat ta' l-għajnejn Moorfields ta' Londra.

Il-qasam tal-kura ta' l-għajnejn f'Malta kompla ġie żviluppat permezz ta' żjajjar minn speċjalisti magħrufa barranin li mhux biss taw is-servizzi tagħhom fl-isptarijiet, imma wkoll tejjbu l-edukazzjoni medika.



## X'INHU PROJECT ORBIS

**Il-Project Orbis hu sptar internazzjonali għall-kura ta' l-għajnejn armat fuq ajruplan DC-8. Minn mindu ġie inawgurat f'Marzu 1982, dan il-Proġett dar id-dinja għal darbtejn u wettaq 53 missjoni fi 38 pajjiż.**

Project Orbis twaqqaf bl-iskop li jiġġieled il-mard ta' l-għajnejn li eventwalment iwassal biex itellef id-dawl. Dan isir permezz tal-kapaċitajiet mediċi ta' speċjalisti magħrufa minn diversi pajjiżi.

L-ajruplan hu mqassam bħala sptar għat-tagħlim u għall-operazzjonijiet, filwaqt li l-Proġett jieħu ħsieb li jiġu organizzati u implimentati programmi fost il-komunitajiet għall-kura fl-għajnejn.

Fuq l-ajruplan jinstabu kmamar ultra-moderni għall-operazzjonijiet u ezamijiet fuq pazjenti mgħammrin bl-aħħar teknika tal-laser u 'microsurgical'. Fi klassi li tieħu 18-il ruħ, wieħed jista' jsegwi l-proċedura ta' l-operazzjoni minn fuq monitors apposta.

S'issa mhux inqas minn 3,000 pazjent irċevew kura fuq l-ajruplan Orbis filwaqt li 2,800 tabib ta' nazzjonalità diversa ipparteċipaw fit-tibdil ta' tagħrif u kapaċitajiet permezz ta' dan il-Proġett.

**Il-Ministru tas-Saħħa u Ambjent it-Tabib Vincent Moran (it-tieni mix-xellug) jidher qiegħed jiġi mdawwar u muri l-apparat sofistikat għall-kura ta' l-għajnejn li wieħed isib fuq l-ajruplan DC-8 tal-Project Orbis.**

## KAMPANJA EDUKATTIVA DWAR L-AIDS

**●IL-MINISTERU tas-Saħħa qiegħed iħejji programm sabiex tibda kampanja edukattiva dwar il-marda ta' l-AIDS. Dan se jsir sabiex tingħata tifsira tal-prekawzjonijiet meħtieġa u kif wieħed għandu jevita li jieħu din il-marda.**

Sadattant, il-Ministeru tas-Saħħa diġà ħa prekawzjonijiet oħrajn biex din il-marda ma tinfirixx fil-gżejjer Maltin.

Il-Ministru tas-Saħħa u Ambjent it-Tabib Vincent Moran fisser dan l-aħħar li l-miżuri li ttieħdu huma wkoll rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Fost dawn il-miżuri nsibu li kull demm mogħti fl-isptarijiet tal-Gvern, kemm jekk joħroġ mid-Dipartiment tat-Trasfużjoni tad-Demm u kemm jekk jiġi mill-Bank tad-Demm tal-Furjana, jiġi ttestjat kontra l-virus ta' l-AIDS skond il-metodi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

L-istess jgħodd għal dawk il-prodotti kollha tad-demm, inklużi l-injezzjonijiet mogħtija fl-isptarijiet tal-Gvern li jiġu mpurtati minn barra. Dawn huma kollha ċertifikati ħielsa minn kull tinġiż tal-virus ta' l-AIDS.

### ● GHALL-ANZJANI

**Ħolqien ta' ċentri f'diversi distretti biex l-anzjani, filwaqt li jibbenefikaw mill-għajnuna li jsibu fihom, iqattgħu l-aħħar jiem tagħhom fl-ambjent li kienu jgħixu fih.**

### ● GHALL-ĠENITURI

**Il-ħin tal-visti fis-swali għall-kura tat-tfal żdied b'nofs siegħa għal sagħtejn, u jekk dan jirnexxi, il-ħin jitwal aktar.**



Il-President tar-Repubblika s-Sinjorina Agatha Barbara tidher tispezzjona Gwardja ta' l-Unur mal-wasla tagħha f'Canberra, il-kapitali Awstraljana.

# IL-PRESIDENT AGATHA BARBARA FL-AWSTRALJA

**Il-President tar-Repubblika, is-Sinjorina Agatha Barbara flimkien mad-Delegazzjoni tagħha waslet Canberra, il-belt kapitali Awstraljana, nhar it-Tnejn 3 ta' Frar fil-bidu ta' żjara statali fl-Awstralja.**

**Id-Delegazzjoni kienet magħmula mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura Dr Alex Sceberras Trigona, mis-Sur Nicholas Bonello, li nħatar Kummissarju Għoli l-ġdid ta' Malta fl-Awstralja, mis-Sur John P. Lanzon, Segretarju tal-President, is-Sur Alfred Cachia, Kap tal-Protokol, il-Kaptan Charles Mansueto, segretarju personali tal-President, is-Sur Manwel Schembri, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-President, is-Sinjorina Adelaide Darmanin, Assistenta Personali tal-President, u s-Sur Joe Zammit, Assistent Segretarju Ewlieni fil-Ministeru ta' l-Industrija.**

**Fl-ajruport ta' Fairbairn Base, il-bażi tar-Royal Air Force Awstraljana, hija ġiet milqugħa mill-Gvernatur Ġenerali tal-Awstralja Sir Ninian Stephen u mill-Prim Ministru Awstraljan Bob Hawke.**

Il-President tar-Repubblika spezzjonat Gwardja ta' l-Unur filwaqt li ġew sparati wieħed u għoxrin tir bħala salut.

Mill-ajruport il-President tar-Repubblika, li kienet akkumpanjata mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, Dr Alex Sceberras Trigona u membri oħra tad-Delegazzjoni, ittieħdet Government House, ir-residenza uffiċjali tal-Gvernatur Ġenerali fejn qagħdet matul iż-żjara tagħha f'Canberra. Il-President tar-Repubblika żaret il-Parlament Awstraljan fejn kellha taħditiet mal-Prim Ministru Awstraljan Bob Hawke. F'dawn it-taħditiet ħa sehem ukoll il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, Dr Alex Sceberras Trigona.

Matul il-laqgħa mal-Prim Ministru Awstraljan, il-President ta' Malta iddiskutiet ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi fid-diversi

● ikompli f'paġna 6

● ikompli minn paġna 5

oqsma. Hija stiednet ukoll lil Mr Hawke biex iżur Malta.

# Preżentazzjoni ta' parċmina

Aktar tard il-President Barbara kellha laqgħa mal-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti Dr H. A. Jenkins u mal-Ministru ta' l-Immigrazzjoni u Affarijiet Etniċi Chris Hurford. F'Canberra l-President tar-Repubblika kienet il-mistiedna tal-Unur waqt ikla statali li ngħatat mill-Gvernatur Ġenerali u Lady Stephen. Għal din l-ikla attendew ukoll membri tal-Korp Diplomatiku, rappreżentanti tal-għaqdiet tal-Maltin f'Canberra u mistednin distinti oħra

Il-President Barbara, flimkien mal-membri l-oħra tad-Delegazzjoni, żaret il-bini tal-Parlament il-ġdid ta' Carberra. Wara, hija poġġiet kuruna f'riġlejn il-Monument tal-Gwerra Awstraljan u ippreżentat parċmina, bl-ismijiet tas-suldati tas-servizzi Awstraljani li mietu f'Malta fl-ewwel u fit-tieni gwerra dinjija u li jinsabu midfuna Malta, lill-Kunsill tal-Australian War Memorial. Hija ippreżentatilhom ukoll album tar-ritratti ta' l-oqbra ta' dawn il-mejtin flimkien ma' kotba dwar is-sehem ta' Malta fl-aħħar gwerra.

Il-President Barbara tat riċeviment lill-Kapijiet tal-Missjonijiet Diplomatiċi rappreżentati fl-Awstralja ġewwa Government House ir-residenza uffiċjali tal-Gvernatur Ġenerali ta' l-Awstralja. Waqt ir-riċeviment il-President għamlet diskors li fih iżżit ħajr lil Maltin għal-laqgħa sabiħa li għamlulha u hija ħeġġithom jgħożżu l-valuri li jagħmluna Maltin. Hija qaltilhom ukoll biex jaħdmu sabiex waqt li jagħtu il-kontribut tagħhom lejn is-soċjetà li qed jgħixu fiha jtejbu wkoll il-qagħda tagħhom u tal-familji tagħhom.

Il-President Barbara żaret Burra Station Homestead fejn rat il-metodu tat-trobbija tan-nagħaġ għall-produzzjoni tas-suf.

Filgħaxija l-President kienet il-mistiedna tal-Komunità Maltija fil-belt ta' Canberra u s-subborgi li jagħmlu magħha.

● ikompli f'paġna 7

**Il-President Agatha Barbara tidher tippreżenta parċmina kbira u artistika lil rappreżentanti tal-Kunsill ta' l-Australian War Memorial, bl-ismijiet tas-suldati Awstraljani li mietu f'Malta fl-ewwel u t-tieni gwerer dinjija.**



## Brisbane

● ikompli minn paġna 6

Il-President marret Brisbane fuq ajruplan tal-qawwa tal-ajru Awstraljana li tpoġġa għad-dispożiżżjoni tagħha mill-Gvernatur Ġenerali tal-Awstralja. Fl-ajruport

**Minn Canberra, il-President Barbara u d-Delegazzjoni tagħha bdiet iż-żjara fid-diversi Stati Awstraljani, b'waqfiet fi Brisbane, Melbourne, Adelaide, Perth u Sydney. Ajruplan tal-Qawwa ta' l-Ajru Awstraljana tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-President tar-Repubblika mill-Prim Ministru Awstraljan.**



ta' Brisbane il-President ġiet milqugħa minn William Gunn, Deputy Premier ta' Queensland.

Fi Brisbane il-President tar-Repubblika żaret iċ-Ċentru Kulturali ta' Queensland li jinkludi gallerija tal-arti u kumpless ta' tejatri. Wara hija żaret il-kwartieri ġenerali tal-Expo '88 fejn ġiet milqugħa mill-Onor. Sir Llewellyn Edward, Chairman tal-World Expo '88. Matul din iż-żjara l-President kellha taħditiet ma' Sir Llewellyn u uffiċjali oħra dwar il-possibilità tal-parteċipazzjoni ta' Malta f'din il-fiera. Aktar tard il-President kellha laqgħa oħra maċ-Chairman tal-Bord taz-Zokkor ta' Queensland.

Filgħaxija, il-President kienet il-mistiedna tal-unur f'riċeviment mogħti mill-Għaqda tal-Maltin ta' Queensland li għalih attenda wkoll il-Ministru tal-Affarijiet Etniċi ta' Queensland.

Meta waslet għal dan ir-riċeviment il-President ingħatat laqgħa sabiħa minn numru kbir ta' emigranti Maltin preżenti.

Waqt dan ir-riċeviment William Gunn, Deputy Premier ta' Queensland għamel diskors tal-okkażjoni fejn faħħar ħafna l-kontribuzzjoni tal-Maltin għall-iżvilupp ta' l-Istat ta' Queensland. Huwa qal li l-Maltin kienu strumentali fl-iżvilupp ta' Queensland għaliex kienu l-pijunieri li marru f'din il-belt madwar mija u ħamsin sena ilu.

**Il-President Barbara tidher fir-ritratt mal-Prim Ministru Awstraljan Bob Hawke f'laqgħa li huma kellhom f'Sydney. F'diskors ta' merħba lill-President Maltija, Hawke faħħar is-suċċessi tal-karriera politika tas-Sinjorina Barbara.**

F'diskors qasir il-President tar-Repubblika irringrazzjat lill-Gvernatur Ġenerali u l-Gvern Awstraljan għall-ospitalità li qed tingħata u żiedet tgħid li kien ta' sodisfazzjoni kbir għaliha kemm bħala Maltija kif ukoll bħala President ta' Malta għar-rikonoxximent li qed jingħataw l-emigranti Maltin għall-kontribut li qed jagħtu fil-pajjiż li qed jgħixu fih.

Is-Sinjorina Agatha Barbara

● ikompli f'paġna 8

# Laqgħat tal-Ministru Sceberras Trigona fl-Awstralja



Matul iż-żjara tiegħu fl-Awstralja, il-Ministru Alex Sceberras Trigona ltaqa' ma' diversi Ministri tal-Gvern Federali kif ukoll dawk Statali ta' l-Awstralja. Huwa kellu laqgħa mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Awstraljan, Bill Hayden f'Canberra li matulha huma iddiskutew il-qagħda reġjonali u internazzjonali u b'mod partikolari t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali. Il-Ministru Sceberras Trigona kellu laqgħat oħra mal-Bordijiet tal-Faħam u tas-Suf, kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Arti.

Fost is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm l-affarijiet bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi, it-tkattir tal-kummerċ u l-possibilità li l-Awstralja tibda tagħmel użu mill-faċilitajiet tat-trasbord li għandha Malta.

**Huwa mistenni li fil-futur qarib għandhom jiġu Malta diversi delegazzjonijiet Ministerjali mill-Awstralja. Waqt il-laqgħa li l-Ministru Sceberras Trigona kellu mal-Prim Ministru ta' New South Wales, Neville Wran, huwa għamillu stedina biex iżur Malta.**

Huwa ttamat li wara l-kuntatti li saru u d-diskussjonijiet magħmula, ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Awstralja se jitjiebu ferm.

Matul il-waqfa tiegħu f'Sydney, il-Ministru Alex Sceberras Trigona ltaqa' mas-Sur John J. Aquilina li għadu kif ngħata l-kariga ta' Ministru tar-Riżorsi Naturali fil-Kabinett ta' New South Wales. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Malti esprima s-sodisfazzjon kbir tiegħu għall-ħatra tas-Sur John Aquilina, Malti mwieled l-Imsida, u qal li din il-ħatra fetħet paġna ġdida fl-istorja tal-politikanti Maltin Awstraljani.

**Matul il-mawra tiegħu fl-Awstralja, Dr Alex Sceberras Trigona ħa l-opportunità biex jiltaqa mal-kommunità Maltija f'Canberra, Victoria u New South Wales. Waqt il-laqgħat li l-Ministru Malti kellu mal-Maltin u l-Għawdxin, huwa emfasizza li jitwaqqaf il-Kunsill Federali Malti biex dana jservi bħala 'lobby group' tal-kommunità. Huwa wkoll saħaq fuq l-għaqda fost il-Maltin u l-Għawdxin kollha fl-Awstralja u nkoraġġihom biex jimportaw il-prodotti Maltin.**

**FUQ: Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr Alex Sceberras Trigona jidher flimkien mal-Ministru Malti Awstraljan John Aquilina u l-Premier Neville Wran. Fir-ritratt tan-nofs fuq il-Ministru Sceberras Trigona jidher mal-President Barbara u l-Prim Ministru Awstraljan Bob Hawke.**









Il-President is-Sinjorina Agatha Barbara tidher titħaddet mas-Sinjura Carmen Armato, li fi Frar li għadda għalqet il-100 sena u b'hekk hija l-ixjeħ emigrata Maltija fl-Awstralja. Il-President tat lis-Sinjura Armato xall tas-suf maħdum bl-idejn. Fir-ritratt tal-lemin il-President Barbara tidher waqt laqgħa mill-ħafna li kellha ma' emigranti Maltin

# IL-PRESIDENT BARBARA FL-AWSTRALJA

● **minn paġna 7**

kompliet biż-żjara tagħha f'din il-belt b'laqgħa mal-Mayor ta' Brisbane, Sallyanne Atkinson f'Mount Coottha.

Matul il-ġurnata l-President marret tara l-Lone Pine Koala Reserve u l-isptar Princess Alexandra.

## Melbourne

Meta waslet f'Melbourne l-President tar-Repubblika ġiet milqugħa minn Lt. Governor Sir John Young u mill-Premier John Cain. L-aktar avveniment importanti tal-ġurnata kien meta l-President u l-membri tad-Delegazzjoni tagħha attendew riċeviment mogħti f'ġieħha mill-Komunità Maltija fil-Club Soċjali Sta Elena.

F'din il-belt il-President tar-Repubblika kellha laqgħa ma' industrijalisti Awstraljani bil-għan li dawn jitħajru jinvestu f'Malta. Aktar tard hija żaret il-ħabs ta' Pentridge.

Wara nofs in-nhar il-President kellha laqgħa ma' membri tal-komunità Maltija tal-lokal fl-Altona Maltese Centre. Filgħaxija attendiet għal riċeviment fiċ-ċentru tal-komunità Maltija f'Parkville.

Il-Ħadd 9 ta' Frar, il-President Barbara attendiet għal Quddiesa fil-Knisja ta' Santa Bernardetta f'North Sunshine fejn hi ltaqgħet ma' Fr Dennis Carabott u aktar tard kellha laqgħa mal-parroċċani Maltin fis-Sala Parrokkjali tal-post.

Hawn kienet il-mistiedna għall-ikel għand Dr Victor Borg fir-residenza privata tiegħu. Dr Borg huwa l-President tal-Kunsill tal-Komunità Maltija.

● **ikompli f'paġna 10**

# LAQGĦA KBIRA MILL-MALTIN

● minn paġna 9

Dak in-nhar stess il-President Barbara ġiet intervistata mis-Sur Victor Aquilina u mis-Sur Joe Muscat għal programm tagħhom fuq ir-Radio Etniku.

Fil-għaxija l-President attendiet għal Kunċert li taw il-Maltese Own Philarmonic Club. Il-Kunċert kien jinkludi kant u żfin folkloristiku flimkien mal-parteċipazzjoni tal-Blue Express Band.

## Adelaide

Hekk kif il-President Barbara waslet f'din il-belt fuq ajruplan tal-Forza ta' l-Ajru Irjali Awstraljana, hi ġiet milqugħa mill-Gvernatur l-Eċċellenza Tiegħu Sir Donald Dunstan u l-Prim Ministru l-Onor. J.C. Bannon. Fl-ajruport jilqgħu lill-President Maltija kien hemm ukoll numru kbir ta' Maltin u grupp folkloristiku lebsin il-kostum tradizzjonali Malti. Il-President għamlet żjara fi Flinders University.

Fil-għaxija l-President Barbara attendiet għal riċeviment mogħti f'ġieħha mill-Prim Ministru, u li għalih attendew għadd ta' Ministri ta' l-Istat ta' South Australia u ħafna membri tal-Komunità Maltija f'Adelaide.

Aktar tard il-President kienet mistiedna għal ikla mogħtija mill-Gvernatur ta' South Australia, l-Eċċellenza Tiegħu Sir Donald Dunstan.

F'Adelaide, il-President Barbara marret iżżur il-Penfolds Winery and Cellars u attendiet ukoll għal ikla mogħtija mil-Logutenent Gvernatur Sir Condor Lauche u għal riceviment preparat mill-Komunità Maltija tal-belt.





**Fir-ritratt ta' fuq il-President Barbara tidher titħaddet mal-Premier ta' New South Wales Mr Neville Wran. Fir-ritratt ta' taħt il-President Barbara tidher tirċievi ornament bil-bnadar Maltija u Awstraljana. Fuq ix-xellug tar-ritratt jidher l-Onor. John Aquilina, l-ewwel Malti li laħaq Ministru tal-Gvern fl-Awstralja.**

## Perth

Fiż-żjara tagħha f'din il-belt Awstraljana l-President tar-Repubblika marret tara l-intrapriża Bulk Handling Co-Operative f'Kwinana fejn iltaqgħet maċ-Chairman Mr H. W. Gafer u l-General Manager Mr E. J. Green.

Is-Sinjorina Barbara kellha laqgħa mal-Gvernatur ta' Western Australia, l-Eċċellenza Tiegħu Prof. Gordon S. Reid, u aktar tard mal-Prim Ministru ta' Western Australia.

Attivitajiet soċjali li għalihom attendiet il-President f'din il-belt kienu żjara lir-Royal Perth Yacht Club, u żjara lill-Gallerija ta' l-Arti. Il-President kellha wkoll riċeviment ċiviku f'ġieħha f'Government House.

## F'Sydney

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Frar, is-Sinjorina Agatha Barbara bdiet iż-

● ikompli f'paġna 11

● ikompli minn paġna 10

żjara tagħha f'Sydney, New South Wales.

Fl-ajruport ta' Sydney hija ġiet milqugħa mill-Gvernatur u mill-Prim Ministru.

L-okkażjoni prinċipali kienet riċeviment f'ġiehha mogħti mill-Prim Ministru. F'diskors ta' merħba l-Prim Ministru Bob Hawke faħħar lill-President Barbara għas-suċċessi li kisbet matul il-karriera politika tagħha. Huwa tkellem dwar il-kontribut kbir li taw u għadhom qed jagħtu l-Maltin fl-Awstralja b'mod partikolari fi New South Wales.

Il-President Barbara f'diskors li għamlet faħħret ukoll lill-Maltin għall-għaqal u l-bżulija tagħhom u għall-mod kif irnexxielhom ikomplu jgħollu l-isem ta' Malta ġewwa l-Awstralja. Hija kompliet tgħid illi r-relazzjonijiet li jeżistu bejn Malta u l-Awstralja jeħtieġ li jkomplu jissaħħu u jinfirxu f'oqsma oħra wkoll. Hija rreferiet b'mod partikolari għall-port il-ġdid ta' Marsaxlokk u għas-Silo l-ġdid tal-qmugħ. Hija qalet illi fi żmiem diffiċli li għaddejja minnu l-Awstralja fil-bejgħ ta' prodotti primarji bħal ma huma l-qamħ, is-suf, il-laħam u l-faħam, Malta, bis-saħħa ta' dawn il-faċilitajiet, tista' tgħin lill-Awstralja billi din tuża lil Malta għall-ħażna u t-trasbord, u anke b'mezzi oħra. Il-President Barbara qalet ukoll li Malta tħossha obbligata li toffri dawn il-faċilitajiet lill-Awstralja mhux biss għaliex dan joħloq xogħol għal Maltin ġewwa Malta iżda wkoll għaliex b'hekk igawdu l-Maltin fl-Awstralja u titjieb l-ekonomija ta' l-Awstralja.



**Il-President Barbara tidher tpoġġi l-ewwel ġebla taċ-Ċentru għall-kommunità Maltija ta' Blacktown, Sydney.**



**Iċ-Ċentru ta' l-Arti ta' Brisbane kien post ieħor li żaret il-President Barbara fiż-żjara tagħha fl-Awstralja.**

● ikompli f'paġna 12



# Il-President tar-Repubblika tmur Singapore



XELLUG: Il-President Agatha Barbara tispezzjona gwardja ta' l-unur f'Singapore. FUQ: Il-President tidher titbissem wara li saret taf li Orkidea kienet ingħatat l-isem ta' Dendrobium Agatha Barbara.

**Il-President tar-Repubblika, Agatha Barbara, nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar, waslet Singapore għal żjara ta' ħamest ijiem. Hija ġiet milqugħa mill-President tar-Repubblika ta' Singapore Wee Kim Wee u mill-Prim Ministru Lee Kwan Yew.**

**Il-President Barbara kellha taħditiet mal-Prim Ministru, Lee Kwan Yew, dwar it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi. Fi tmiem il-laqgħa l-President ta' Malta stiednet lill-Prim Ministru ta' Singapore biex iżur Malta.**

**Matul din iż-żjara, il-President Barbara kellha laqgħat ma' diversi personalitajiet, fosthom mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Tony Tan Keng Yam. Hija żaret il-port ta' Singapore, l-Università, u l-Ġonna Botaniċi, fejn b'tifkira taż-żjara tagħha ġiet imnissla xitla 'orkideja' li ġiet imsemmija għaliha.**

---

# IL-PRESIDENT F'LAQGHA MA' MINISTRU MALTI

● minn paġna 11

Għal din il-laqgħa kienu preżenti mijiet ta' Maltin illi jgħixu fis-subborgi ta' Sydney madwar Wentworthville.

F'Sydney, il-President Barbara ltaqgħet ma' industrijalisti u aġenti ta' l-ivvjaġġar. Hija ltaqgħet ukoll ma' l-ewwel Malti li sar Ministru fl-Awstralja — l-Onor. John Aquilina, Ministru tar-Riżorsi Naturali.

Kif rajna, matul iż-żjara tagħha f'kull waħda minn dawn il-bliet, il-President Barbara kellha mhux biss laqgħat uffiċjali dwar titjib fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Awstralja, iżda wkoll laqgħat twal ma' eluf ta' Maltin-Awstraljani, waqt attivitajiet organizzati apposta f'ġieh il-Kap ta' l-Istat Malti.

Fost dawn l-attivitajiet ta' min isemmi il-kunċerti li ngħataw f'diversi bliet mill-baned tal-Maltin u t-tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla ta' Ċentru għall-Maltin, il-La Valette Social Centre fi Blacktown, Sydney.

Il-President Barbara flimkien mad-Delegazzjoni Maltija temmet iż-żjara tagħha fl-Awstralja t-Tnejn 17 ta' Frar meta tat bidu għal żjara uffiċjali oħra fir-Repubblika ta' Singapore.



Fir-ritratt fuq, id-delegazzjoni Maltija (lemin) tidher waqt it-taħditiet tagħha mad-delegazzjoni mill-Kummissjoni tas-Suq Komuni Ewropej.

## ESTENSJONI TAL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI MAL-E.E.C.

IT-TAĦDITIET bejn Malta u s-Suq Komuni Ewropej fuq l-estensjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tkomplew fiċ-Ċentru tal-Konferenzi Albert Borschette fi Brussels nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu. Dawn it-taħditiet li issa huma mistennija jkomplu f'April, kien hemm preżenti għalihom rappreżentanti mill-istati membri kollha tal-Komunità.

Sadanittant, id-delegazzjoni Maltija li kienet immexxija mill-Ambaxxatur Malti għas-Suq Komuni Dr. Paul Farrugia, kienet tinkludi lil Dr. Alfred Sant, konsulent speċjali tal-Prim Ministru, u lis-Sinjuri Edwin Ebejer, konsulent fuq affarijiet tas-Suq Komuni fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, lil Franco Serracino-Inglott, uffiċjal prinċipali agrikolu fil-Ministeru tal-Biedja u Sajd, lil Jimmy Magro, kap tad-dipartiment fil-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp u lil Tarcisio Zammit, Charge d'Affaires fl-Ambaxxata Maltija fi Brussels.

**MIJA u sebgħin apprendisti ġodda bdew jaħdmu mal-Ministeru tax-Xogħlijiet fi skema ġdida ta' sentejn fejn se jitgħallmu snajja' konnessi mal-bini bħalma huma tikħil, tqegħid ta' madum ta' l-art u tal-ħajt, tibjid, tqegħid ta' qatran, għorik ta' madum u rħam, twaqqif ta' njam u azzar għall-bini, u oħrajn.**

# APPRENDISTI ĠODDA FIS-SENGĦA TAL-BINI

Il-Ministru tax-Xogħlijiet is-Sur Lorry Sant dan l-aħħar kellem lil dawn l-apprendisti li l-età tagħhom tvarja bejn is-16 u l-20 sena, u lill-ġenituri tagħhom, fejn spjegalhom l-iskema ġdida li qed issir fuq inizjattiva tiegħu.

B'differenza għal skemi ta' apprendistat preċedenti, din l-iskema l-ġdida se taħdem fuq sentejn minflok fuq sitt snin u tiġbor fiha kundizzjonijiet favorevoli. Il-kundizzjonijiet li se jaħdmu taħthom l-apprendisti jinkludu vaganzi bil-ħlas bħal ħaddiema oħra, 20 jum leave, 15-il jum leave b'paga sħiħa waqt il-mard u 15-il jum b'nofs paga, leave għażżwieġ u għall-mewt fil-familja.

Fl-istess ħin, l-apprendisti fl-ewwel sena se jkollhom allowance ta' Lm17.33c u fit-tieni sena ta' Lm17.72c. Dawk li għandhom aktar minn 18-il sena jkollhom aktar.

L-iskema l-ġdida tagħti wkoll iċ-ċans lill-apprendisti li waqt li jitgħallmu s-sengħa, jekk iridu jistgħu jkomplu jistudjaw biex jilħqu karigi ogħla.

## JUM IL-COMMONWEALTH

● minn paġna 2

ħbiberija tagħna lill-ġnus kollha tal-Commonwealth''. Dan il-messaġġ minn Malta laħaq il-għan tiegħu u ġie pubblikat fl-aħħar edizzjoni ta' ''The Commonwealth Today''.

''Din il-ħbiberija li qed tissawwar fikom tqawwilna qalbna. Fikom naraw is-siġra tal-ġens Malti twarrad u tagħti frott l-aktar sabiħ u bnin, frott ta' paċi u mħabba. Tassew inħossuna kburin bikom,'' itemm igħid il-messaġġ ta' Jum il-Commonwealth li l-Prim Ministru ħareġ għall-istudenti kollha Maltin u Għawdxin.

MILL-KTIEB

# IL-ĠLIEDA GĦALL-GĦIXIEN

4

**(JAQBAD MA' L-AĦĦAR ĦARĠA)**

Il-Gvern Ingliż ma riedx jintrabat li jipprovdi xogħol alternattiv għall-eluf ta' Maltin li kienu se jisfaw bla xogħol u kien lest biss igħin biex tinstab xi kumpanija kummerċjali u jħalli f'idejha t-tmexxija tat-tarzna, li minnha kienu jgħixu tant ħaddiema Maltin.

Il-Gvern Malti ma setax jaċċetta li l-Ingilterra tfarfar din ir-responsabbiltà kbira fuq kumpanija privata mingħajr ma tagħti garanziji. Dawn l-iżviluppi, flimkien ma' sinjali oħra li l-Gvern Ingliż ried jibqa' jagħmel użu minn Malta mingħajr ma jagħmel tajjeb għall-ġejjieni, wasslu għal kriżi fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ gvernijiet.

Qabel ma rriżenja bi protesta kontra l-mod ta' kif kienet qed tiġi ttrattata Malta, il-Gvern għamilha ċara li la darba l-Ingilterra ma kinitx lesta biex tagħmel tajjeb għall-ġejjieni, Malta kellha taħseb għal rasha weħidha u tinqata' minn ma' l-Ingilterra billi tieħu l-Indipendenza.

Il-Gvern Ingliż neħħa l-kostituzzjoni u għal erba' snin il-Gvern ta' Malta ġie direttament f'idejn il-Gvernatur kolonjali.

## It-Tieni Fażi: 1958-1971

Matul l-erba' snin ta' gvern kolonjali saru attentati biex forsi jittaffa l-effett ta' l-ewwel mewġa kbira tat-tnaqqis tal-bażi. Dawn l-attentati ħadu sura ta' l-Ewwel Pjan ta' Żvilupp għal Ħames Snin (1959–1964), li mbagħad ġie rivedut fl-1961. Din il-ħidma tkompliet taħt il-Gvern Nazzjonalista fit-Tieni Pjan ta' Żvilupp (1964-1969) li ġie mfixkel meta l-Gvern Ingliż nieda t-tieni mewġa ta' tnaqqis fil-bażi militari. Fl-1967, missjoni ta' studju mmexxija minn Lord Robens tat parir lill-Gvern Malti dwar kif seta' jilqa' għall-effetti tad-deċiżjoni Ingliża. Dawn il-pariri ddaħħlu fit-Tielet Pjan ta' Żvilupp imħejji mill-Gvern Nazzjonalista għas-snin 1969-1974. Iżda peress li l-Gvern Ingliż reġa' tlewwem mal-Gvern Nazzjonalista dwar l-ammont ta' flus li kellha tieħu Malta taħt it-trattati ta' difiża u ta' għajnuna finanzjarja ffirmati fl-1964, il-Pjan ma ġiex ippubblikat qabel l-1970.

**Bailey**

Fost l-ewwel u l-akbar għelmijiet tad-deċiżjoni Ingliża li titnaqqas il-preżenza militari f'Malta kien hemm il-proġett biex it-tarzna navali tgħaddi taħt it-tmexxija ta' kumpanija kummerċjali. Il-Gvern Ingliż sostna li l-ħtieġa għal tarzna navali kienet għosfrot u għamel arranġamenti biex idaħħal lil C.H. Bailey Ltd., kumpanija żgħira tat-tarznar minn Wales, biex tmexxi t-tarzna ta' Malta. Il-Gvern Ingliż kien lest igħin finanzjarjament lill-kumpanija biex tibdel it-tarzna f'waħda kummerċjali iżda ma ried jagħti ebda garanzija dwar l-impjiegi tal-ħaddiema tat-tarzna. Kif diġà semmejna, dan kien fattur ewlieni fil-kriżi ta' l-1958.

**L-Ewwel Pjan ta' Żvilupp**

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li aktar minn 17% tal-ħaddiema Maltin dak iż-żmien kienu direttament jaħdmu mas-servizzi Ingliżi. Ma' dawn wieħed irid iżid għadd kbir ta' oħrajn li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom jew f'impjieg privat mannies tas-servizzi (bħal sefturi) jew fin-negozju li kienu jagħmlu magħhom (tal-ħwienet eċċ.). Fl-1958 is-sehem tas-servizzi militari fil-ġid ekonomiku maħluq fil-pajjiż (Gross Domestic Product) kien ta' aktar minn 22%.

L-effett tat-tnaqqis tal-bażi mill-ewwel beda jinħass: sa l-1960 dan is-sehem tas-servizzi militari fil-G.D.P. niżel għal anqas minn 18%.

L-Ewwel Pjan ta' Żvilupp, imħejji mill-Ingliżi, ikkalkola l-ħtieġa għall-impjiegi ġodda kif ġej:

| | |
|---|---|
| Żieda fin-nies lesti biex jaħdmu | 16,000 |
| Naqqas minnhom emigranti | 10,000 |
| Żieda netta fl-impjiegi ġodda meħtieġa | 6,000 |
| Żieda fin-nies qiegħda minn mal-Gvern u s-Servizzi Ingliżi | 3,000 |
| Bżonn ta' impjiegi ġodda | 9,000 |

Għax kien hemm il-fehma li kull impjieg industrijali jġib miegħu impjiegi oħra, il-Pjan ħareġ bil-konklużjoni li l-ekonomija ħtiġilha toħloq 5,000 impjieg industrijali ġdid. Dan kellu jsir billi t-tarzna tinbidel f'waħda kummerċjali, billi jinħolqu industriji ġodda għall-esportazzjoni, u billi jikber it-turiżmu. Il-proposta tal-Pjan kienet li l-Gvern Ingliż igħaddi lil Malta £32,250,000, li minnhom




**Il-Gvern Ingliż kien qal lil C.H. Bailey Ltd biex imexxi t-tarzna, iżda ma riedx jagħti garanzija dwar l-impjiegi**

£29,000,000 jintużaw għall-infiq kapitali. Fil-fatt £12,000,000 minn din is-somma kienu se jmorru għal proġetti li kienu diġà ġew mibdija bejn l-1955 u l-1958. L-investimenti tassew ġodda li kienu maħsuba laħqu ftit aktar minn £16,000,000. Għall-iżvilupp industrijali l-Pjan warrab ftit inqas minn £3,000,000, li kważi kollha kellhom jintefqu fuq għotjiet u self b'irħis lil intrapriżi ġodda.

Iż-żmien malajr wera li l-pjan ma kienx rejalistiku. Il-Gvern stess ma setax ilaħħaq mar-ritmu ta' xogħol li kkommetta ruħu li jwettaq, u l-Pjan kellu jiġi rivedut. Hekk, tul l-ewwel sentejn tal-Pjan suppost kellhom jintefqu £13,000,000 iżda intużaw biss £9,500,000. Anke l-Pjan rivedut mar żmerċ. Fejn għas-snin 1961–1964 kien ippreveda nefqa ta' £18,300,000, intefqu anqas minn £12,000,000. Meta ħa l-Pjan f'idejh wara l-1962, il-Gvern Nazzjonalista ħaseb biex jibdel xi proġetti ta' nfiq kapitali għal oħrajn li kienu eħfef (bħal toroq u drenaġġ), iżda xorta waħda t-'targets' ma ntlaħqux.

Bejn l-1958 u l-1964, il-Gross Domestic Product, il-ġid maħluq fil-pajjiż, żdied minn kważi £39,000,000 għal kważi £43,000,000, żieda ta' 1.7% fis-sena. Is-sehem tal-manifattura fil-ħolqien ta' dan il-ġid tela'minn £3,300,000 għal kważi £8,000,000. Jidher ċar li l-ekonomija Maltija f'dawn is-snin (1959–1964) xejn ma laqgħet tajjeb għall-effetti tat-tnaqqis tal-ħidma tal-bażi Ingliża. Għalkemm bejn l-1958 u l-1964 kienu emigraw b'kollox aktar minn 20,000 ruħ, l-għadd ta' nies qiegħda fl-istess żmien żdied minn 3,180 għal 7,645.

**It-Tieni Pjan ta' Żvilupp**

Kien fuq dan l-isfond li l-Gvern Nazzjonalista ta' l-1962–1966 ħtieġlu jħejji t-Tieni Pjan ta' Żvilupp. Missjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda studjat il-qagħda tal-pajjiż u stħarrġet ir-raġunijiet tal-falliment ta' l-Ewwel Pjan. Fost ħwejjeġ oħra, l-esperti tal-Ġnus Magħquda saħqu fuq kif is-sistema tal-gvern fiha nnifisha ma kellhiex il-ħila tmexxi l-programmi ta' żvilupp. Għalhekk irrikmandaw infiq kapitali ta' £26,200,000 biex il-gvern ikun jista' jlaħħaq, flimkien ma' emigrazzjoni ta' 10,000 Malti fis-sena u tnaqqis mhux ħażin fil-livell ta' għixien tal-poplu.

Il-Gvern Nazzjonalista poġġa t-'target' sa l-1969 għal £38,400,000 f'infiq u emigrazzjoni ta' 7,500 fis-sena biex b'hekk ilaħħaq mat-tbassira li l-qgħad kellu jilħaq 29,000 ruħ bit-tluq ftit ftit ta' l-Ingliżi. Sat-tmiem tal-Pjan immira li jkun hemm 82,755 jaħdmu u 6,382 qiegħda. Biex tiffinanzja dan il-Pjan matul l-ewwel tliet snin tiegħu, l-amministrazzjoni ħasbet biex tiġbed £18,800,000 mill-flus li kellhom jagħtu l-Ingliżi taħt it-trattati ta' l-1964. Għall-bqija tal-Pjan, il-Gvern Nazzjonalista kien għad irid jinnegozja mal-Gvern Ingliż dwar il-flejjes li kien se jirċievi taħt it-trattati.

Min-nefqa totali ppjanata, xi £8,000,000 kellhom imorru għall-bini ta' fabbriki u għotjiet u self lill-privat. Fuq il-pariri ta' l-esperti tal-Ġnus Magħquda, il-Gvern Nazzjonalista wiegħed li se jwaqqaf Bank Ċentrali biex jirregola l-ħruġ tal-flus mill-pajjiż, u Korporazzjoni ta' Żvilupp biex tamministra l-flejjes u l-miżuri maħsuba għat-tħajjir ta' l-industrija. Bħal fl-ewwel Pjan, l-għan tal-proġetti miġbura flimkien kellu jkun li titkabbar l-esportazzjoni, jiżdied it-turiżmu u tissaħħaħ it-tarzna (li kien għad baqagħla tirċievi kważi £2,000,000 mill-allokazzjoni ta' l-Ewwel Pjan).

**(JISSOKTA)**

# IL-ĦELSIEN



## L-GĦOLJA li tissimbolizza . . .

*. . . li tant ġenerazzjonijiet ta' Maltin qabilna xtaqu u ħadmu għalih bla ma rnexxielhom jiksbuh . . .*

*. . . li bih sibna post xieraq u dinjituż fost il-ġnus l-oħra . . .*

*. . . li mingħajru ma stajniex nibdew il-ħidma għall-paċi fl-inħawi ta' madwarna . . .*

**AGATHA BARBARA**

*"Kunu xhieda tal-ħalfa li ħadna li qatt aktar ma jkun hawn bażi militari barranija oħra fuq artna u li Malta tibqa' għal dejjem Repubbklika demokratika, ħielsa għal kollox u mmexxija mill-Maltin għall-Maltin."*

**ANTON BUTTIGIEG**